# "Nistennew u Nittamaw l-Hena u l-Miġja tas-Salvatur"
# Adorazzjoni Ewkaristika
# Diċembru 2024

## Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija

Int li ħlaqt id-dwal tas-sema,
Kristu, dawl ta' min fik jemmen,
o Feddej ħanin tal-bniedem,
agħti widen għat-talb tagħna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Kif id-dnub fid-dinja daħal,
bdiet il-mewt issaltan fuqna;
iżda int tħassart lill-midneb
u ridt tinżel issalvana.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Meta ntemm iż-żmien, int għoġbok
mill-Omm Xebba bla mittiefsa
tiġi fostna, bniedem bħalna,
biex fejjaqtna mill-mard tagħna.

*Missierna, Sliema, Glorja*

O Mulej, quddiem setgħetek
fl-art u s-sema l-ħlejjaq kollha
għandhom jinżlu għarkupptejhom
u kulħadd jistqarrek b'Sidu.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Nitolbuk bil-qalb, o Mħallef,
li ġej tagħmel ħaqq mid-dinja,
tul ħajjitna żommna mbiegħda
minn kull ħbit tal-għadu ħajjen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ġieħ u sebħ għal dejjem, Kristu,
Sultan twajjeb, jintradd lilek,
lill-Missier u lill-Ispirtu,
Difensur u Faraġ tagħna. Ammen.

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Tlieta huma l-miġjiet tal-Mulej li nafu bihom. It-tielet waħda hija bejn it-tnejn l-oħra. Dawn it-tnejn huma bid-dieher, imma l-oħra le. Bl-ewwel miġja deher fid-dinja u għex mal-bnedmin, meta l-bnedmin rawh u bagħduh, kif jgħidilna

> huwa stess. Fit-tieni waħda l-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna, u għad iħarsu lejn min nifdu. Il-miġja tan-nofs issir fil-moħbi: permezz tagħha l-magħżulin biss jarawh fihom infushom, u jaqilgħu s-salvazzjoni ta' ruħhom. Mela fl-ewwel miġja ġie fil-ġisem bħala bniedem dgħajjef, f'dik tan-nofs jiġi bl-ispirtu u l-qawwa tiegħu; imbagħad fl-aħħar jiġi fil-glorja u l-kobor tiegħu. Il-miġja tan-nofs hi qisha t-triq li twassal mill-ewwel għat-tieni miġja; fl-ewwel waħda Kristu kien il-fidwa tagħna, fit-tieni dehra jkun il-ħajja tagħna, waqt li fil-miġja tan-nofs hu l-mistrieħ u l-faraġ tagħna.
> *(San Bernard ta' Clairvaux, Sermo 5 In Adventu Domini, 1; PL 183.50C-51A)*

Kien b'dan il-kliem li San Bernard ta' Clairvaux fisser it-tama u l-istennija li ngħixu ta' kull sena fi Żmien l-Avvent. Stennija li twessa' l-orizzont tal-ħajja tagħna għax iddaħħalna fi storja millenarja qabilna, u li aħna nkomplu ngħixuha, u li l-Knisja tkompli timxiha anke wara li jintemm iż-żmien tagħna fuq din l-art u, bħall-fidda mgħoddija min-nar, niltaqgħu mal-Mulej li jsaffina għal kollox u jdaħħalna fil-hena tiegħu bla tmiem. Stennija kontinwa, li kontinwament tiġi mwieġba imma mingħajr ma qatt isseħħ għal kollox f'jiemna fuq l-art. U għalhekk, is-sejħa għall-konverżjoni li l-Knisja tagħmlilna f'dan iż-żmien mhijiex primarjament mogħtija t-timbru penitenzjali bħas-sejħa li ssirilna fi Żmien ir-Randan. Is-sejħa tal-Knisja f'dan iż-żmien qaddis hija biex inħarsu lejn il-ħajja tagħna b'mod sħiħ, fil-kuntest iktar wiesa' tagħha. Sejħa mmarkata b'lingwaġġ li jimplika l-konverżjoni bħala t-tidwir tal-eżistenza sħiħa tagħna li tagħti daharha lejn id-dlam u tħares lejn id-dawl. Forsi għalissa dan id-dawl għadu musbieħ ċkejken: il-musbieħ tal-fidi mixgħul min-nar dejjem iħeġġeġ tal-Mulej u li jiġi mkebbes fina permezz tal-Aħbar it-Tajba tal-fidwa, kif jikteb San Pietru fit-Tieni Ittra tiegħu: "hi bħal fanal li jagħti d-dawl f'post mudlam, sa ma jibda jbexbex il-jum u f'qalbkom titla' l-kewkba ta' filgħodu" li hu Kristu (2 Pt 1, 19).

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Ktieb tal-Apokalissi** (21, 9; 22, 12-13. 16-17. 20-21)
Wieħed mis-seba' anġli, dawk tas-seba' bwieqi bl-aħħar seba' kastigi, ġie jkellimni u qalli: "Ara, jiena ġej dalwaqt, u miegħi nġib il-ħlas ħalli rrodd lil kull wieħed skont ma ħaqqu għal għemilu. Jiena l-Alfa u l-Omega, l-Ewwel u l-Aħħar, il-Bidu u t-Tmiem! Jien, Ġesù, bgħatt l-anġlu tiegħi ħalli jixhdilkom dawn il-ħwejjeġ dwar il-knejjes. Jiena r-Rimja tal-familja ta' David, il-Kewkba tiddi ta' filgħodu."
L-Ispirtu u l-Għarusa jgħidu: "Ejja!" Min jisma', ħa jgħid: "Ejja!" U min hu bil-għatx, ħa jiġi, ħa jieħu b'xejn min irid l-ilma tal-Ħajja.
Min qiegħed jagħti xhieda ta' dawn il-ħwejjeġ jgħid: "Iva, jien dalwaqt ġej!" Hekk ikun. Ejja, Mulej Ġesù! Il-grazzja ta' Sidna Ġesù tkun ma' kulħadd! Ammen.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
*R/.* Irroddu ħajr lil Alla.

Il-Kewkba ta' Filgħodu hija dik li f'xi ġranet tidher tiddi ġmielha fil-Lvant qabel jibda jbexbex, meta jkun għadu d-dlam tal-aħħar sahra tal-lejl. U mat-tbexbix li, bejn ħajta dlam u oħra dawl, iċedi postu għad-dawl taż-żerniq, din il-kewkba tibda ftit ftit titlef il-qawwa tad-dija tagħha sakemm tgħib għal kollox meta l-jum ikun sebaħ ġmielu.
Imma, jekk inti x-Xemx tal-Ġustizzja, Mulej Ġesù, kif inti l-Kewkba ta' Filgħodu? Inti l-Kewkba ta' Filgħodu għax fl-ewwel miġja tiegħek bħala tarbija ċkejkna li spuntat mill-għerq ta' Ġesse, bħala rimja qaddisa tad-dar ta' David, inti dewwaqtna mid-dehra tal-glorja tiegħek, il-glorja li għandek mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni (ara Ġw 1, 14). Id-dehra tas-sebħ tiegħek bħala x-Xemx tal-Ġustizzja, meta lejl ma jkunx hemm iżjed, u ma nkunux neħtieġu dawl ta' musbieħ u dawl tax-xemx, għax int tiddi fuqna, u nsaltnu miegħek għal dejjem ta' dejjem (Apok 22, 5) … din id-dehra għadna qegħdin nistennewha u nitniehdu għaliha, filwaqt li qegħdin ngħixu f'dan iż-żmien bejn dawn iż-żewġ miġjiet tiegħek. Aħna u nissaraw mad-dlam biex iktar joktor id-dawl fina u madwarna, inti qiegħed magħna u kontinwament tfarraġna bid-dawl ħelu tiegħek li jixħet fuqna dell fietel, bħalma tagħmel il-Kewkba ta' Filgħodu fi ljieli bla qamar, sabiex tagħtina t-tama li nibqgħu nterrqu mingħajr biża' u b'qalbna mixgħula.
Veru, xi drabi nitkarrbulek li, jekk ma jasalx it-tmiem aħħari, tal-anqas jasal it-tmiem tagħna, frott l-għeja, frott l-ansjetà, frott is-solitudni, frott id-dwejjaq li jqabbduna ċerti sitwazzjonijiet sew personali u sew dawk iktar ġenerali jew li saħansitra huma fiżikament 'il bogħod minna imma xorta jtaqqluna. Imma drabi oħra nitmeżmżu bil-ħsieb tal-mewt u nippruvaw nikkonvinċuk li tiddawwar ma tiġi għax għadna 'l bogħod milli nkunu tassew nixbhuk. Fadlilna fiex nikkonvertu, anke ħutna fadlilhom ħafna x'jikkonvertu. Fadal tant erwieħ li jeħtieġ li jintmissu mill-imħabba ħelwa tiegħek imma dan għadu ma seħħx, forsi wkoll ħtija tat-telqa tagħna xi kultant.
Għaldaqstant, b'din it-taqbida bejn il-lejl u n-nhar li tiġi missielta ta' kuljum fil-qiegħ ta' ruħna, mixħutin hawn quddiemek se ntennulek il-kliem tat-talba antika li s-saċerdot f'kull quddiesa jlissen f'isem il-Knisja mat-talba li għallimtna għas-salvazzjoni tagħna:

Eħlisna, nitolbuk, Mulej, minn kull deni;
agħtina, fit-tjieba u l-ħniena tiegħek,
il-paċi fi żmienna,
biex inkunu ħielsa dejjem mid-dnub
u mħarsa minn kull inkwiet,
aħna u nistennew u nittamaw l-hena
u l-miġja tas-Salvatur tagħna Ġesù Kristu.
Għax tiegħek hi s-saltna, il-qawwa u l-glorja għal dejjem.

## Innu Ewkaristiku

Iva, Mulej Ġesù, lilek nistennew. Nistennew it-tama hienja u l-miġja tiegħek, is-Salvatur tagħna. U għax nistennewk, aħna nersqu lejn il-mejda li tħejjilna waqt il-quddiesa meta titmagħna bil-Kelma u bil-Ġisem tiegħek, int li inti l-Kelma ta' Alla magħmula laħam għalina. Nersqu wkoll u nibqgħu quddiemek nadurawk fuq l-istess altar f'dan is-Sagrament tal-għaġeb, u rridu nibqgħu ngħixu f'din il-qagħda quddiemek anke meta noħorġu minn hawn għax, sew jekk għal kollox u b'mod definittiv u sew jekk fil-miġjiet żgħar u moħbija ta' kuljum, nixtiequ li nagħrfuk u naqbdu t-toroq li matulhom trid tmexxina … nixtiequ nagħrfuk iżżurna fl-uċuħ ta' ħutna … nixtiequ nisimgħu leħnek fil-krib tagħhom jew fil-kesħa ta' kliemhom li iktar tikxef kemm tassew għandhom bżonn tas-sħana tiegħek ġewwa qalbhom. Nitolbuk tagħtihielna din il-grazzja, Mulej Ġesù, sew f'dan l-Avvent, fil-fuklar ħanin ta' dawn il-ħitan, u sew fiż-żmien ta' ġenn li jiblagħna xħin noħorġu barra … ġenn li jġibna wiċċ imb wiċċ mal-inġustizzja tas-soċjetà mmarkata bl-estremi tal-ħela u tal-faqar, tax-xaba u tal-ġuħ … ġenn li jġibna wiċċ imb wiċċ mal-inġustizzja li biha nimxu aħna stess meta nintilfu fil-gost u t-tgawdija bla ma niftakru fil-ferħ veru u fl-imħabba, bla ma niftakru f'dawk li ma jistgħux jaqsmu f'din it-tgawdija. Bierek il-ġenn tagħna bil-grazzja li naħsbu f'dawn ukoll, Mulej Ġesù, imqar b'ġesti ċkejkna ta' mħabba, tbissima, ftit ħin biex nisimgħu l-qlub miksura. Ismagħna, Mulej, u wettaq dix-xewqa tagħna għax tiegħek hija s-saltna, il-qawwa u l-glorja għal dejjem.

*(adorazzjoni fis-skiet)*

Ejjew nerfgħu ħarsitna lejn Kristu, il-Kewkba tagħna ta' Filgħodu, u rresqulu t-talbiet tagħna waqt li b'fiduċja ntennulu wara kull talba: ***Għax tiegħek hi s-saltna, il-qawwa u l-glorja għal dejjem.***

- Eħles, nitolbuk, Mulej, minn kull deni l-Knisja tiegħek sabiex tkun tista' tħabbar it-twelid, il-mewt, u l-qawmien tiegħek bil-libertà u fiss-sliem sa ma terġa' tiġi. **R/.**
- Agħtina, fit-tjieba u l-ħniena tiegħek, il-paċi fi żmienna, fil-Knisja, fil-komunitajiet tagħna, fil-familji tagħna, f'dawk l-artijiet mifnija bil-gwerer, fid-dinja kollha. **R/.**
- Żomm ħielsa dejjem mid-dnub lis-saċerdoti u ħarishom mit-tentazzjoni sabiex ikunu jistgħu jaqdu lilek u lill-poplu tiegħek fis-safa u b'qalbhom kollha. **R/.**
- Ħares minn kull inkwiet lill-għeżież tagħna, b'mod partikulari lit-tfal u ż-żgħażagħ sabiex it-tgawdija u d-divertiment tagħhom f'dawn iż-żminijiet ma jkunx ta' ħsara għalihom. **R/.**
- Seddaqna fl-istennija tal-miġja tiegħek sabiex inħarsu lejn il-ġejjieni b'fiduċja minkejja dak kollu li jtappan il-ħarsa tagħna, u nkunu attenti biex nagħrfuk kull meta tersaq qrib tagħna u tħares f'għajnejna. **R/.**

- Sejjaħ żgħażagħ kuraġġużi li jpoġġu f'idejk iċ-ċokon u l-faqar tagħhom sabiex joffrulek il-ħajja fraġli tagħhom u jiddedikawha għax-xhieda umli tat-tama mbierka li tinsab fl-Aħbar it-Tajba tiegħek. **R/.**
- Temm l-istennija ta' ħutna fil-Purgatorju sabiex it-tama hienja tagħhom tinbidel fil-hena u l-imħabba bla tmiem tal-għaqda miegħek. **R/.**

Kulma għamilt iroddlok ħajr, Mulej, u nberkuk, aħna l-ħbieb tiegħek. Ilqa' dan it-talb tagħna, aħna li s-sebħ tas-saltna tiegħek inxandru. Agħmel li kliemna jkun fuq is-setgħa tiegħek biex il-bnedmin jagħrfu l-qawwa tiegħek, u s-sebħ u l-ġmiel tas-saltna tiegħek—saltna li hi għaż-żminijiet kollha, u ħakma minn nisel għal nisel, għax tiegħek hi s-saltna, il-qawwa u l-glorja għal dejjem. Ammen.

**Barka Sagramentali**